MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 1117/2006

**Avukat Antoine Cremona bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera *Roig Ceramica S.A.***

***Versus***

**Joseph Borg Falzon eżerċenti l-kummerċ bl-isem *Centro Bagno***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' tlittax-il elf u tnax-il euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€13,012.59) prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata lill-konvenut li iżda baqa' ma ħallasx għaliha għalkemm imsejjaħ jagħmel hekk b'ittra uffiċjali tas-27 ta' Frar 2006. L-attriċi qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż ġudizzjarji, fosthom dawk tal-ittra uffiċjali, u l-imgħaxijiet minn dakinhar tal-fatturi relativi sa meta jsir il-ħlas.
L-attriċi kienet talbet ukoll illi l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda l-qorti b'dikriet tal-25 ta' Jannar 2007 ordnat illi l-kawża timxi bil-

proċedura normali u l-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. il-konvenut ma tax il-kunsens tiegħu biex jixtri l-merkanzija msemmija fil-fatturi esebiti mar-rikors maħluf, u għalhekk ma kienx hemm ftehim ta' bejgħ-u-xiri dwarhom; din l-eċċezzjoni ngħatat għax bi żball is-soċjetà attriċi esebiet fatturi ħżiena mar-rikors maħluf, iżda esebiet dawk tajba minflok waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2007 u għalhekk ma għadux meħtieġ li nqisu aktar din l-eċċezzjoni; u

2. mill-prezz mitlub għandu jitnaqqas il-prezz ta' merkanzija li ma kinitx ordnata.

Ix-xiehda tal-konvenut mogħtija fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2007 – li l-qorti semgħetha biex tara għandhiex tagħti lill-konvenut il-fakoltà li jikkontesta l-kawża minkejja t-talba tal-attriċi għad-dispensa tas-smigħ – kienet x'aktarx konfuża dwar jekk l-ilment tiegħu huwiex li l-attriċi ikkonsenjat merkanzija li ma kinitx ordnata jew jekk naqsitx milli tikkonsenja dak li kien ordnat. Fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2007 iżda l-konvenut ippreċiża illi "ma jikkontestax li tassew saret il-konsenja għalkemm jibqa' jgħid illi din ma kinitx ordnata". Fid-dawl ta' din l-istqarrija tal-konvenut, u fid-dawl ukoll tat-tieni eċċezzjoni, il-qorti tifhem illi l-kwistjoni hi jekk kienx hemm ordni mill-konvenut għall-merkanzija u għalhekk, effettivament, jekk kienx hemm kunsens biex seta' jseħħ il-kuntratt ta' bejgħ-u-xiri u biex l-attriċi tkun tista' titlob il-ħlas tal-prezz.

Ix-xhud José Francisco Miguel Fernandez, funzjonarju tas-soċjetà attriċi, xehed illi l-merkanzija konsenjata kienet tassew ordnata mill-konvenut.

Il-konvenut min-naħa tiegħu stqarr illi ħafna mill-merkanzija konsenjata, li jgħid li ma kinitx ordnata, xorta bigħha, għalkemm *at cost price*, u dak il-ftit li ma bigħx żammu għandu. Il-qorti għalhekk tifhem illi, ukoll jekk huwa minnu li l-konvenut ma kienx ordna xi merkanzija li ġiet konsenjata, xorta irratifika l-bejgħ meta dik il-merkanzija bigħha lil terzi fil-parti l-kbira u żamm dak li fadal bla ma iddepożitah taħt l-awtorità tal-qorti jew bla ma, għallinqas, għamel protesta formali.

Huwa relevanti wkoll illi, minkejja l-ordni tal-qorti, verbalizzata waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2007, illi "l-konvenut għandu … … … jispeċifika liema huma l-*items* li

ma kinux ordnati i jgħid kemm minn dawn l-*items* huwa bigħ lil terzi", il-konvenut baqa' ma tax dan it-tagħrif.
Il-qorti għalhekk x'aktarx temmen illi l-eċċezzjoni tal-konvenut hija biss pretest biex idewwem il-ħlas.
F'kull każ, għalhekk, l-eċċezzjoni tal-konvenut ma tistax tintlaqa', u l-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjoni, tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi tlittax-il elf u tnax-il euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€13,012.59) flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż kollha mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------